

## Talbiet tal-appellant

- (1) tannulla s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 ta' Lulju 2012, fil-Kawża T-334/10,
  - (2) tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-12 ta' Mejju 2010, fil-Każ R 924/2009-1,
  - (3) tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ĝeneralni u l-Bord tal-Appell, kif ukoll għall-ispejjeż sostnui mill-appellant;
- fil-każ li Vermop Salmon GmbH tieħu sehem fil-proċedura bħala intervenjenti, huwa wkoll mitlub li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha,
- (4) tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż tagħha.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Is-sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tat-12 Lulju 2012 għandha tiġi annullata, minħabba li l-Qorti Ĝeneralni interpretat b'mod żbaljat il-portata tal-eżami tal-Bord tal-Appell, fl-appell ippreżentat skont l-Artikoli 63(1) u 64(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009 2009, dwar it-trade mark Komunitarja.

Il-Qorti Ĝeneralni ma hadix inkunsiderazzjoni il-prinċipju ta' kontinwià funzjonali bejn l-istanzi tal-UASI u ma rrikoxxietx li anki l-ilmenti fformulati b'mod espliċitu ma jeżentawx lill-Bord tal-Appell mill-obbligu li jivverifika b'mod komprensiv id-deċiżjoni kkontestata kemm fil-fatt u fil-liġi.

Il-Qorti Ĝeneralni tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-konstatazzjoni li l-kwistjoni tal-użu ġenwin tat-trade marks preċedenti hija kwistjoni preliminari spċċifika li mhux neċċassarjament tirrikjedi li tkun eżaminata mill-Bord tal-Appell.

B'dan il-mod, il-Qorti Ĝeneralni kienet injorat il-fatt li din il-kwistjoni, billi intiża sabiex turi l-użu ġenwin, issir parti integrali mill-proċedimenti tal-oppożizzjoni u għalhekk huwa l-Bord tal-Appell li għandu jivverifikaha.

Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralni kisret l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, billi applikat b'mod żbaljat il-prinċipji ġenerali dwar l-evalwazzjoni tal-probabiltà ta' konfużjoni.

B'mod partikolari, il-Qorti Ĝeneralni, fl-evalwazzjoni tax-xebħi tas-sinjal, ibbażat ruħha fuq ir-regola empirika, li tħid li

l-konsumaturi jagħti iktar importanza lill-bidu tal-kelma milli l-komponenti l-oħra tat-trade mark, mingħajr ma kkunsidrat l-applikabbiltà ta' din ir-regola għal dan il-każ.

Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralni ma kkunsidratx kif xieraq l-allegati argumenti tal-appellant fir-rigward tax-xebħi tal-proċedura. Minflok, il-Qorti Ĝeneralni adottat l-argumenti tal-Bord tal-Appell, mingħajr ma eżaminat l-eżattezza tagħhom.

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2012 minn Luigi Marcuccio mid-digriet mogħi mill-Qorti Ĝeneralni (It-Tieni Awla) fit-3 ta' Lulju 2012 fil-Kawża T-27/12, Marcuccio vs Il-Qorti tal-Ġustizzja**

**(Kawża C-433/12 P)**

(2012/C 355/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

## Partijiet

**Appellant:** Luigi Marcuccio (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

**Parti oħra fil-proċedura:** Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

## Talbiet

- tannulla fl-intier tiegħu u mingħajr ebda eċċeżżjoni d-digriet tal-Qorti Ĝeneralni tat-3 ta' Lulju 2012 fil-Kawża T-27/12;
- prinċipalment: tikkundanna lill-Qorti tal-Ġustizzja għall-ħlas lura tal-ispejjeż tal-proċeduri sostnui mill-appellant fl-ewwel istanza tal-kawża kif ukoll fl-appell u tilqa' fl-intier tagħhom u mingħajr l-ebda eċċeżżjoni t-talbiet magħmulu mir-rirkorrent fil-korp tal-att promotur fl-ewwel istanza;
- sussidjarjament: tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ĝeneralni sabiex din tiddeċiedi mill-ġdid fuq il-mertu.

## Aggravji u argumenti prinċipali

Id-digriet appellat huwa evidentement vvizzjat b'nuqqas assolut ta' motivazzjoni, kif ukoll bl-assenza ta' natura raġonevoli, u ta' loġika u bi żnaturament tal-fatti. Il-Qorti Ĝeneralni wettqet żball meta kklassifikat diversi ittri mibgħuta mill-appellant lill-Avukat Ġenerali Ewljeni tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala talbiet għal eżami mill-ġdid skont l-Artikolu 256(2) TFUE.